# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Gimgha 16 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1260/96**

**Numru 31**

**Godfrey Aquilina, bhala Mandatarju tas-socjeta' estera "COMMENWEALTH u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 1997 il-kelma "Commenwealth" giet sostitwita bil-kelma "COMMONWEALTH" EDUCATIONAL SOCIETY LTD" ta' Madrid, Spanja**

**vs**

**Albert u Anna konjugi Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' tlett mija u hamsa u tletin Liri Maltin (Lm335.00c) import tal-prezz ta' diversi kotba lill-konvenuti mibjugha u kkonsenjati mill-attur nomine skond l- Iskrittura tas-26 ta' Jannar, 1996 (Dok "A") kif ukoll l-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv; u dana prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti iddekadew mill-beneficju tal-mod u tat-terminu kif lill-konvenuti koncess mill-attur nomine fl-istess skrittura, u dana senjatament sew minhabba l-

ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-konvenuti fir-rigward tal-konsenja tal-kotba li kellhom jigu mill-konvenuti accettati pero' effettivament gew minnhom rifjutati meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenjhom lill-konvenuti fit-terminu previst fl-Iskrittura; kif ukoll minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenuti rigwardanti l-kondizzjoni tal-hlas tal-prezz tal-kotba kif indikat fl-istess Skrittura permezz ta' pagamenti rateali mensili li, ai termini tal-Iskrittura, kellhom jibdew jigu minnhom effettwati lill-attur nomine b'effett mis-26 t'April 1996, bir-rata ta' Lm13.40c kull wiehed, izda li baqghu ma sarux.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 1996 u tal-ittra legali tat-13 t'Awissu 1996 kif ukoll tac-Cedola ta' Depositu prezentata mal-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (a fol 7 ibid) li biha eccepiew illi:

1. It-talba attrici ghandha tkun michuda billi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-iskrittura tas-26 ta' Jannar 1996 ma tivvinkolax lill-eccipjenti billi huma ipprevalew ruhhom bid-dritt tal-kancellament liema dritt gie esercitat skond struzzjonijiet forniti mill-attur nomine innifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-fatti in esami huma kif ser jinghad:-

a) <u>Godfrey Aquilina</u>, l-attur nomine (fol 22 et seq ibid) spjega li impjegat mieghu bhala "salesman" hemm Jonathan Abdilla li ikkonkluda l-ftehim in esami mal-konvenuta. L-istess attur nomine enfasizza li s-"salesmen" impjegati mieghu kellhom struzzjonijiet stretti li javzaw lill-klijenti li jekk dawn ma jkunux intenzjonali li jonoraw il-ftehim involut, ghandha tintbaghat il-"cancellation form" fiz-zmien stipulat "u ebda procedura ohra barra din". Hawnhekk hu irrefera ghal telefonata li kienet ghamlitlu l-konvenuta dwar l-istess ftehim u hu in vista li kien qalilha li "jekk trid tikkancella, trid tibghat il-"cancellation form" kif effettivament gara izda, tardivament, bid-data specifikata fix-xhieda stess tal-attur nomine (ara fol 19, 20 u 21 tal-atti).

b) <u>Il-konvenuta Anna Cachia</u> (fol 13 u 24 et seq ibid) spjegat li l-imsemmi Jonathan Abdilla ossija "bejjiegha bieb b'bieb" kien "ipperswadieni" sabiex tiffirma l-ftehim in kwistjoni liema "salesman" kien qalilha "jekk inti ma

tkunx tridhom sempliciment tiffirma, iccemplilna u meta ccemplilna inhassru kollox" ".... incempel u nhassar". Inoltre meta kienet informat lil zewgha, l-konvenut Albert Cachia, dan qalilha li ma riedx il-kotba. Ghalhekk, l-ghada stess, hi kienet ittelefonat fuq numru moghti lilha mill-istess Jonathan Abdilla u qalet lil "xi skrivan" li ma rieditx il-kotba u b'hekk qed tikkancella l-ftehim. Avolja kienet ghamlet dan, l-istess kotba gew konsenjati lilha minghajr, pero', ma accettathom. Inoltre meta hawnhekk, ikkontattjat lill-istess Godfrey Aquilina dan spjegalha li hi missha baghtet il-formola ta' kancellament, kif filfatt ghamlet f'dan l-istadju. In kontro esami, hi ammettiet li kienet iffirmat il-ftehim esebit in atti a fol 2, waqt li Jonathan Abdilla kien "tani ukoll "cancellation form" u kien qalli li nista' ncempel" (".... niehu hsieb nibghat il-"cancellation form jew li ncempel").

c) In rigward il-ftehim, dan jinsab esebit bhala "Dok A" a fol 2 tal-atti. Fl-istess ftehim jinghad testwalment "this contract shall not be pending if it is cancelled in accordance with section 8 of Act VII of 1987" (Kapitolu 317 tal-Ligijiet ta' Malta). Hawnhekk jinghad minnufih li din il-ligi tistipula, b'mod kategoriku kif jista' jithassar ftehim bhal dak in esami, liema kancellament, moghti bhala privilegg specjali mill-ligi jista' jsir biss bil-forma u bil-procedura li trid il-ligi. Jinghad ukoll li "in materia" ta' kancellament hemm ukoll dak stipulat fl-artikolu 10 tal-istess Kapitolu citat. Fi ftit kliem, kancellament ta' ftehim bhal dan, jista' jigi kancellat, umilateralment mix-xerrej:

i) bil-kunsinna, sew bl-idejn jew permezz ta' ittra registrata fl-indirizz specifikat fl-istess artikolu ta' dikjarazzjoni ta' kancellament iffirmata mill-konsumatur liema dikjarazzjoni, konforma ma dik murija fl-Iskeda annessa mal-Att, kif ukoll mehmuza mal-istess ftehim ossija skrittura li tinzamm mill-konsumatur.  L-istess dikjarazzjoni ta' kancellament trid tigi konsenjata fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tal-iskrittura involuta jew fiz-zmien itwal stipulat fl-istess skrittura;

ii) minhabba raguni valida f'kaz li ma jkunx gie kancellat skond dak gja premess, liema punt pero' ma giex sollevat f'dan il-kaz.

Ikkusidrat

Illi f'dan il-kaz, il-konvenuta iffirmat il-ftehim in esami fis-26 ta' Jannar 1996 ("26-01-96") waqt li d-dikjarazzjoni ta' kancellament giet impostata fis-6 ta' Marzu 1996 (ara fol 19 tal-atti) b'hekk wara li skadew, ampjament, il-15 il-gurnata moghtija mill-ligi u specifikati fl-istess ftehim.  Fid-dawl ta' dan jkun irrilevanti li ssir referenza ghat-telefonati li saru bejn il-konvenuta u l-attur nomine jew l-"skrivana" msemmija fix-xhieda tal-istess konvenuta tenut kont ukoll li fl-istess skrittura jinghad "this contract shall not be otherwise affected by any verbal representation or agreement differing in any way from this contract".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi tenut kont ta' dak premess jidher li l-unika eccezzjoni tal-konvenuti ghadha tigi respinta u t-talba attrici milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm335.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 1996 u ta' dik legali tat-13 ta' Awissu 1996.

Alan Calleja
Dep.Reg